10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 21**

**9 ta' Ġunju 2025**

Il-laqgħa numru 21 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar id-9 ta' Ġunju 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

### 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

Hawnhekk is-Sur Karl Carabott talab għal sospensjoni tal-laqgħa minħabba li l-aġenda ma ntbagħtitx 5 t'ijiem qabel bħalma tgħid il-liġi. Is-Sindku wieġeb li wara li Sur Carabott, bagħat email lid-DG, id-DG kien kellem lis-SE u bagħat email. Din l-email ma tgħidx li laqgħa għanda titħassar però ġibdet l-attenzjoni lil-SE sabiex l-aġenda tibda tintbagħat 5 t'ijiem qabel il-laqgħa. Is-Sindku kompla bil-laqgħa però Karl, Roberta u Joe talbu li jkunu skużati.

### 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

#### 2.1 Korrezzjonijiet

Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet kemm fil-laqgħa 20 u anke fil-laqgħa 20 (kommunikazzjoni)

#### 2.2 Kummenti li joħorġu mill-minuti

Is-sindku qal li fuq il-kwistjoni ta' Triq Brighella u l-ispazzju tal-parkeġġ, kien iltaqa' mar-residenti u nstabet soluzzjoni billi saret kaxxa safra quddiem il-garaxxijiet.

Is-Sindku kien qed jippreżenta l-isketch tal-kurċifiss li kienet se tkun it-tieni vara għas-sena dieħla.

Latrini ta' Romeo Romano – kien hemm dewmin fit-tender minħabba li nstab żball imma ser ikun qed joħroġ mill-aktar fis possibbli.

Is-Sindku informa ukoll li għal użu tal-bollards fi żmien il-festa kien wasal l-approval ta' TM imma fir-rush hour hu kien qed jissuġġerixxi li xorta jkun hawn l-uffiċjali tal-LESA.

Fuq il-post vakant li kellu l-kunsill is-sindku informa li wara taħditiet ma' DLG, u Jobs plus, dawn infurmawna li l-post ma kellix għalfejn tkun klerikali u għalhekk dawn idderiġewna biex nagħmlu post oħra għal post mhux klerikali. Għaldaqstant hekk ikun hawn qbil bejn il-kunsilliera, din il-post targa toħroġ b'salarju ta' Euro 24,650 u b'titlu assenjat magħha ta' Assistent għal loġistika. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera preżenti.

Is-Sindku informa ukoll li dipartiment tax-xogħolijiet pubbliċi kienu qed jaħdmu fuq il-fanali ta Triq il-Parroċċa.

**3. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 433, u Petty Cash**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti 434 u l-petty cash. Din ġiet approvata bil-proponent ikun Darren Grech u Sekondant Silvio Vella.

**4. Kommunikazzjoni mis-sindku**

- Applikazzjoni għal-iskema mill-klabb tal-boċċi

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni mill-klabb tal-boċċi li kienu ser jorganiżżaw attività nhar il-15 ta' Lulju 2025.

- Ħaddiem tal-id tal-Kunsill

Is-Sindku informa li l-ħaddiem tal-id tal-Kunsill reġa' ingħata warning oħra u jumejn sospensjoni mingħajr paga. Is-Sindku informa ukoll li l-kunsill ġie assenjat ħaddiem mill-RSSL. Dan il-ħaddiem għad m'għandux il-liċenzja imma ser ikun qed iġib il-liċenzja u b'hekk ikun jista' juża l-vann il-ġdid għal-anzjani. Għalissa ser tkun qed issuqu ħaddiema oħra tal-RSSL.

- Installazjoni tal-apparat tac-charging għal vann

Is-sindku spjega li kienet inġabet quote għal installazzjoni sabiex jiġi iċċarġjat il-vann eletrikku tal-anzjani. Hu spjega li l-kunsill prova juża dik li hemm diġà installata faċċata tal-kunsill għal użu tal-ministeru imma dawn qalulna li mux possibbli. Is-sindku qal li kien ser jiċċekkja sabiex tintuża dik ta' Triq Qormi

- Sistema tat-telefon

Is-Sindku informa li sistema tat-telefon kellha bżonn tinbidel għax m'għadux iservi l-iskop tagħha. Għaldaqstant inġabru xi kwotazzjonijiet. L-importanti li din is-sistema tkun qed turi sistema tal-call logs.

- Reception tal-Festa

Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel festin żgħir ta' apprezzament għal għaqdiet. Ġie maqbul li dan ir-riċeviment isir nhar l-14 ta' Lulju fit-20.00 fil-ġnien Romeo Romano. Steve ikkummenta li hu kien ħa deċiżjoni iebsa li jitwaqqfu għax il-kunsill bil-liġi kien intitolat sa riċeviment wieħed fis-sena. Is-sindku informa li hu kien iċċekkja u dak tal-14 ta' Novembru ma jaqax taħt din il-klawsola peress li dak hu marbut ma jum il-lokalita. Għalhekk ġie maqbul li għal dan ir-riċeviment kienu ser jiġu mistiedna l-president u segretarju ta' kull għaqda, il-kappillan ta' Fleur De Lys, kif ukoll il-provinċja Karmelitani.

- Aġġornament Triq Emmanuel Attard

Fl-aħħar ftit jiem ta' xogħol kien instab l-asbestos u għalhekk kien ittardja x-xogħol. Il-marki ta' din it-triq kienu ser isiru sal-aħħar tal-Ġimgħa. Is-Sindku informa ukoll li l-On. Keith Azzoppardi Tanti kien aċċetta li jiffinanzja bust għal Adrian Borg, tifel li kien miet fl-iskola u kien ukoll ser jiffinanzja xi planters. B'din il-buildout il-kunsill kien ser jirbaħ 3 parkeġġi.

**5. Ftehim mal-għaqdiet lejliet il-Festa**

Is-Sindku qal li fuq suġġeriment ta' Stephen, hu kien iltaqa' mal-għaqdiet tan-nar u tal-Banda sabiex jitkellmu fuq il-marċ tas-sibt. Hu kien ħa suġġerimenti tagħhom u poġġihom kollha fi ftehim. Stephen saqsa hekk l-għaqdiet kienux qablu ma dan il-ftehim u sindku wieġeb li l-għaqdiet għadhom ma rawhx għax hu ried li jaddih lil kunsilliera l-ewwel. Is-Sindku qal li hu kien tkellem magħhom u l-punti li kienu semmewlu kienu tal-istandardi u li jindaqqu l-għanjiet.

Silvio saqsa kif il-KFE mhumiex parti minn dan il-ftehim. U s-sindku qal li dan kien ftehim bejn żewġt għaqdiet li ftehmu bejniethom imma hu jaħseb li aktar il-quddiem il-KFE għandhom ikunu parti minn dan il-ftehim ukoll. Is-sindku qal ukoll li dan il-marċ ma kellux ikollu isem.

Hawnhekk Darren talab li jkun skużat għalhekk il-laqgħa ġiet aġġornata għas-16 ta' Ġunju fis-19.00 wara laqgħa pubblika minħabba nuqqas ta' quorum.

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv

16/6/25.